**IL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI ISTRUTTORJA**
**(Fl-Att dwar l-Estradizzjoni msejjħa l-Qorti Rimandanti)**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Spiteri)**

**-vs-**

**Goran STOJANOVSKI, detentur tal-karta tal-Identità tar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq numru A2027325 u liċenzja tas-sewqan maħruġa mill-istess pajjiż numru T1567611**

Illum 30 ta' Jannar, 2024

Il-Qorti,

Wara li rat li l-Pulizija ressqu b'arrest lil **Goran STOJANOVSKI imwieled fir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq fil-25 ta' Frar, 1976, detentur tal-karta tal-Identità tar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq numru A2027325 u liċenzja tas-sewqan maħruġa mill-istess pajjiż numru T1567611** aktar il-quddiem imsejjaħ 'l-estradant';

Wara li rat il-Mandat t'Arrest Ewropew datat it-12 ta' Diċembru, 2023, maħruġ mill-Qorti Distrettwali ta Sofia fil-Bulgarija, pajjiż skedat a tenur tar-Regolament 5 ta' l-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni, Liġi Sussidjarja 276.05 (Avviż Legali 320 ta' l-2004), aktar il-quddiem imsejjaħ 'l-Ordni';

Wara li rat iċ-ċertifikat tal-Avukat Ġenerali datat id-19 ta' Jannar, 2024 ai termini tar-Regolament 7 tal-Ordni;

Wara li rat il-verbali ta' din il-Qorti, anke kif diversament preseduta, tad-29 u tat-30 ta' Jannar, 2024;

Ikkunsidrat,

## I. Extraditable Crimes

Illi permezz tal-Mandat t'Arrest Ewropew msemmi, it-treġġija tal-estradand qed tintalab għal fini ta' prosekuzzjoni dwar reat skedat - serq organizzat jew bl-armi - li għalih hemm kontemplata piena ta' priġunerija massima ta' bejn it-tlett (3) snin u l-għaxar (10) snin.

Għalhekk m'hemmx dubbju li tali għemil hu reat estradibbli kif kontemplat bir-Regolament 59(2) tal-Ordni, ġaladarba:

> (2) L-imġieba tikkostitwixxi reat ta' estradizzjoni dwar pajjiż skedat jekk ikunu ġew sodisfatti dawn il-kondizzjonijiet:
>
> (a) l-imġieba tiġri fil-pajjiż skedat u ebda ħaġa minnha ma tiġri f'Malta;
> (b) ċertifikat maħruġ minn awtorità adatta tal-pajjiż skedat ikun juri li l-imġieba tkun kondotta skedata;
> (ċ) iċ-ċertifikat ikun juri li l-imġieba tkun punibbli taħt il-liġi tal-pajjiż skedat bi priġunerija jew xi forma oħra ta' detenzjoni għal żmien tliet snin jew b'piena akbar.

Aktar minn hekk, l-imsemmi reat hu estradibbli wkoll ai termini tar-Regolament 59(3) tal-Ordni li jipprovdi:

> (3) L-imġieba tkun ukoll tikkostitwixxi reat ta' estradizzjoni dwar il-pajjiż skedat jekk ikunu ġew sodisfatti dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin:
>
> (a) l-imġieba tiġri fil-pajjiż skedat;
> (b) l-imġieba kienet tikkostitwixxi reat taħt il-liġi ta' Malta li kieku din tkun ġrat f'Malta;
> (ċ) l-imġieba tkun punibbli taħt il-liġi tal-pajjiż skedat bi priġunerija jew xi forma oħra ta' detenzjoni għal żmien tnax-il xahar jew b'piena akbar (tiġi kif tiġi deskritta f'dik il-liġi).

## Bars to Extradition

Ma tqajmu l-ebda *bars to extradition* kif kontemplati bir-Regolament 13 tal-Ordni.

Għalhekk il-Qorti qed tilqa' t-talba għat-treġġija tal-estradand fuq l-imsemmi Mandat t'Arrest Ewropew.

Għaldaqstant,

Ai termini tar-Regolament 24 tal-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni, Avviż Legali 320 ta' l-2004 (Liġi Sussidjarja 276.05),

**Tordna li l-estradand għandu jinżamm taħt kustodja fi stennija għat-treġġigħ lura tiegħu lejn il-Bulgarija, il-pajjiż skedat fejn inħareġ il-Mandat t'Arrest Ewropew.**

Iżda

Tenut kont li l-estradat preżentement jinsab fil-Faċilita Korrettiva ta' Kordin fejn għadu qed jitmexxa kontra tiegħu proċess dwar reat/i - illum fi stadju t'appell - mhux ibbażat/i fuq l-atti li dwarhom inħareġ il-Mandat t'Arrest Ewropew, ai termini tar-Regolament 28A(2)(a) tal-Ordni,

**Tipposponi l-konsenja** tiegħu lejn l-Pajjiż Rikjedent sakemm tavvera ruħha xi waħda miċ-ċirkostanzi elenkati (i)-(iv) msemmija fl-imsemmi regolament 28A(2)(a) tal-Ordni.

Il-Qorti qeda, ai termini tar-regolament 25 tal-Ordni moqri flimkien mal-Artikolu 16 tal-Att dwar l-Estradizzjoni, Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta Malta, tinforma lill-estradand li:

(a) Mhuwiex ser jiġi mreġġa' lura lejn il-Pajjiż Rikjedent qabel ma jgħaddu sebat ijiem mid-data ta' din l-ordni ta' kustodja;

(b) Għandu dritt li jinterponi appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali minn din l-ordni;

(c) Jekk jidhirlu li xi wieħed mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10(1) u (2) tal-Att dwar l-Estradizzjoni, Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta Malta, ġie miksur jew li xi dispożizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja hija, tkun ġiet jew x'aktarx tkun sejra tiġi miksura dwar il-persuna tiegħu hekk li tkun ġustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni tal-kustodja tal-qorti, huwa għandu jedd titlob rimedju skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 46 tal-istess Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja skont il-każ.

**MAĠISTRAT**